**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA’ (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tmintax (18)

## It-Tlieta, 6 ta’ Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

**18.1. Qari tal-ittri ta’ l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**18.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tas-sittax (17) il-laqgħa tat-3 ta' Settembru, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Eucharist Camilleri u Sekondant:-Jean Paul Portelli.

**18.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja.

**Varjazzjonijiet fuq it-Toroq Rurali:** Il-Kunsill għadu qed jistenna mingħand il-MGOZ u għadu ma sarx pagament lil Gatt Tarmac bl-ammont ta' €20K kif ġie diskuss fl-aħħar laqgħa.

**Rural Roads Co-Financing**: Il-Kunsill għadu qed jistenna konferma mil-Board tal-Co-financing dwar l-ammont li rridu nieħdu.

Il-Kunsill ħareg €15K lil Gatt Tarmac, madwar €3k lil Richard Cauchi u €2.5K lil Road Construction fuq kontijiet antiki.

**18.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**18.4.1 *Qtugħ ta' ħaxix* – Dan baqa għaddej fl-inħawi kollha tan-Nadur u l-widien.**

**18.4.2 *Ħafna xogħol wara l-maltemp-* fosthom saru 20 cint, patching u tindif.**

**18.4.3** ***Bolovostri fi Triq ir-Rabat-*** dawn għandhom ma sarux.

**18.4.4** ***Bozza Triq Andar*** – Kien hemm qbil li peress li ma waslitx stima u jidħer li ser tkun tiswa ħafna din il-bozza, qablu li ma isirx.

***18.4.5 Bozza fi Triq tad-Duru-*** Il-Kunsill qed jistenna li teħel.

***18.4.6 Bins Għajn Qasab***- Dawn għadom ma twaħlux.

***18.4.7 yellow line fi Triq il-Buskett-*** Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand TM.

***18.4.8 Repaint sinjali fi Triq ir-Rabat u fi Triq Grunju***- Dawn is-sinjali bdew isir.

***18.4.9 Unloading Bay fir Triq ir-Ramla*** – Il-Persuna li talab din innota li jixtieq iwaqqaf applikazzjoni.

***18.4.10 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Il-Perit qed jaħdem fuq din.

***18.4.11 Talba għal bankina fi Triq il-Madonna ta' Lourdes-*** Din lesta.

***18.4.12 Talba għal gate fi sqaq tal-Pjazzetta***- Din qed tinħadem.

***18.4.13 Talba għal cement fi Triq Vnuta*** – Dan Lest

***18.4.14 Sement fi Triq it-Torri Sopu***- Dan il-passaġġ ma jistax jinħadem.

***18.4.15 Gradilja f'Wied Rihan***- Dan lest.

***18.4.16 Railing u sement f' Triq Għajn Qasab*** - Dan lest.

***18.4.17 Rampa fi Triq Pawlu VI***- Din lesta.

***18.4.18- Kurduna fi Triq ta' Mattiju*** – Din lesta.

***18.4.19- Rampi fi Triq Grunju, Dun Guzepp Vella, Triq Xjuf ir-Riħ*** – Dawn lesti.

***18.4.20 Zewġ kantunieri ta' bankini fi Triq Guze Ellul Mercer***- Dawn lesti t-tnejn.

***18.4.20 Unloading Bay fi Triq it-Trigrija***- Il-Kunsill applika għalija.

***18.4.21 Tabella Stop fi Triq it-Tramunta u Triq Lazzru Pisani***- Dawn lesti saru.

***18.4.22 Talba għal yellow lines fi Triq San Gakbu***- Il-Kunsill applika.

***18.4.23- Bozza biex tiċċaqlaq fi Triq Piju Cellini***- Il-Kunsill ser japplika

***18.4.24- Tabella slow farm ahead fi Triq il-Franċizi***- din lesta.

***18.4.25- Tabella no parking quddiem sqaq*** – din lesta.

**18.4.23** ***Pendenti*** –Street paint tat-Triq it-Tigrija, Patching fi Triq Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Bankina fi Triq Lourdes, Sement fi Sqaq ta' Majza, Albums tal-Kunsill, Patch fi Triq ir-Rabat.

**18.4.24** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Ħitan fi Triq Daħlet Qorrot- Fadal ħajt wieħed.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx, Ċint biex inżiedu xi ġebel, Passaġġ bit-torba tax-Xini.

**18.4.25** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Rigward ic-CCTV ta' quddiem skola qed nitkellmu ma' Green Pak.
- Sqaq fi Triq ta' Majza- sticker lesta.
- Ħofor fi Triq il-Buskett- dawn lesti.
- Parking spots fi Triq Guze Bonnici- Il-Kunsill ha parir u kien hemm qbil li ma jsirux.

**18.4.26** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Ħajt fi Triq il-Qortin- tkompla biċċa oħra.
- Sigra mejta fl-area tal-Ħali- tneħħiet.
- Timer Daħlet Qorrot- lest
- Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem u pjanta miksura ħdejn l-iskola.

**17.4.26** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi- Il-Kunsill irffirma Kuntratt.

- Fuq ir-Restawr tal-Gibjun – Għadna bla risposta.
- Haxix fi Triq Ħida- dan lest.
- Bike rack fi Triq ta’ l-iskola- Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand is-suppliers.
- Patch fi Triq ir-Ramla- Din saret.
- Bankina fi Triq l-Imnarja- qed isir.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta’ Ħajt f’Daħlet Qorrot.

**18.5. Offerti Pubbliċi;**

Id-dokumenti tal-Kwotazzjoni tad-dawl tal-Milied intbgħatet lil Kunsilliera, ġiet approvata u ser tinħareg l-kwotazzjoni.

**18.6. Korrispondenza;**

| | |
|---|---|
| 6684 | Ċirk. Akl 2020/91- Bov upload payment file |
| 6685 | Attivita' Pink October ġewwa Għawdex |
| 6686 | Ċirk. SPI/04/2020 - Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilatazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Izalmiku |
| 6687 | Ċerimonja tal-Prezentazzjoni tal- Automated External Defibrillator (AED) |
| 6688 | Ċirk. Akl 2020/110 ADHD Awareness Month October |
| 6689 | Korrispondenza: On Site Malta |
| 6690 | Ittra: Removal of Sleeping Policeman Ta Hida – ***Kien hemm diskussjoni fit-tul u Il-Kunsill ser jara fuqha mar-residenti.*** |
| 6691 | Ċirk. Akl 2020/099 Cleaner Vehicles LCA Report |
| 6692 | Ċirk. SPI/SCI/3/2020 Finanzjament ta' Progetti Kapitali - Accessibilita' u Mobilita' |
| 6693 | Ċirk. Akl 2020/102 - Kollezzjoni zejda ta' ġbir ta' ħġieġ |

| | |
|---|---|
| 6694 | Ċirk. Akl 2020/101 Gbir ta' informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil lokilita' |
| 6695 | Ċirk. 07/2020 - Permessi Maħruga mill- Kunsilli Lokali skond L.S. 441.04 |
| 6696 | Re Preparation of Master Plans and Technical Guidelines for Selected Valley Catchments in the Maltese Islands - INVITATION TO PUBLIC EVENTS |
| 6697 | Ċirk. Akl 2020/105 Kunsill Nazzjonali taz- Zgħazagħ |
| 6698 | Ċirk. Akl 2020/106 Minuti Laqgħa tal- Eżekuttiv No: 37 |
| 6699 | Ċirk. Akl 2020/108 il- Festa bhala Wirt Intangabli Dinji |
| 6700 | Ċirk. Akl 2020/109 Dati ta' Għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema |
| 6701 | Re Revizjoni tal-Kapitlu 409 - Att Dwar Servizzi tal- Ivvjaggar u tat - Turizmu għal-Malta |
| 6702 | Tibdil fit- taħrig b'rabta mal- proġett - provvedimenti ta zvilupp u implimentazzjoni ta' strategiji kulturali għall- Kunsilli Lokali u Kunsilli Regjonali |
| 6703 | Ċirk. Akl 2020/104 - Siti ta' devoluzzjoni għand il- Kunsilli Lokali |
| 6704 | Ċirk. SPI/SCI/5/2020- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Insfrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern. |
| 6705 | Ċirkulari SPI/SCI/6/2020- Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex. |

***Rimarki oħra:-***

Is-Sindku irramarka li hemm skema tal-open gyms mill-MGOZ. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal playing Field tal-Ħali.

Rigward l-iskema tal-WIFI 4 EU li l-Kunsill ġie awarded għadu ma ntlaħaqx ftehim konkret u sostenibbli dwar dan. Jekk ma jintlaħaqx ftehim, jista' jagħti l-każ illi tali proġett ma jitwettaqx.

Il-Kuntrattur tal-Knis tal-area ta' San Blas – Chris Paul Cardona informa lis-Segretarju Ezekuttiv li minħabba raġunijiet personali ma jistgħux ikomplu bil-Kuntratt. L-aħħar li ser ikun ħaddem ix-

xahar ta' Awissu. Is-Sindku innota li din l-offerta għalissa mhux ser terggħa toħroġ u ser tkun tinkines mill-CWS.

Kien hemm talba mingħand kumpanija privata biex isiru receptions fil-Ġnien ta' Kenuna. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil li ma jingħatax dan il-permess.

Il-Kunsill irċieva e mingħand Sabrina Bonnici li talbet biex isir lapida fi Triq Xandriku peress li ommha kienet l-ewwel mara fotografu f'Malta. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera li l-ewwel naraw mas-sid tal-propjeta.

### 18.7 Żviluppi Latrina San Blas u Bus Shelter Pjazza

**Latrina San Blas:** Il-Perit tal-Kunsill bgħat disinn pero għad fadalu jaħdem stima biex inkunu nistgħu naraw dwar il-finanzjament tagħha. Il-Perit staqsa lil Kunsill jekk hux ser immorru għal zero energy building, inkluz water reservoir u PV panels bil-battery. Ġie deċiz li nistennew stima qabel napplikaw mal-MEPA b'full development application. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

**Bus Shelter Pjazza:** Il-Perit tal-Kunsill ma jaqbilx li din għandha tkun ta' l-injam peress li tkun aktar ta' detriment vizwali. Il-Perit issuggerixxa ħgieg li jkun mingħajr reklami u l-gnub ikunu miftuħa bil-frame stainless steel. L-Applikazzjoni tista tista issir DNO u tista' isir montage ta' kif tiġi tidher. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

### 18.8 Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**18.8.1 Triq Daħlet Qorrot** – Il-Ħajt qed jaqa' nistennew intervent mill-MGOZ.

**18.8.2 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Is-servizzi huma lesti kemm jibda ix-xogħol fuq it-triq**.**

**18.8.3 Ġnien tal-Ħali-** Il-Maintenance għaddej f'dan il-ġnien.

**17.7.4 Zebgħa railing fil-Ġnien il-Kunsill**- Dawn ser isiru l quddiem.

**18.8.5 Cameras fi Ġnien il-Kunsill**- Ser jinbeda xogħol fuq it-trinka għal wiring.

**18.8.6 Bozza fi Triq Inzul il-Franċizi**- Il-Kuntratt ġie iffirmat ma' Enemalta.

**18.8.7 Railings ta' Kenuna-** Dawn lesti u ser jitwaħħlu meta titlesta t-triq.

**18.8.8 Il-Monument tal-FECC u ir-railing-** Kien hemm qbil li minħabba ir-railing tinħareg offerta. L-aħjar li għalissa isir iċ-ċint u nistennew fuq l-iskema tal-monument.

**18.8.9 Pending:** It-tabella tal-Merħba, il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Il-Fossa ta' Ġnien il-Kunsill u l-Bus shelter tal-Pjazza.

**18.8.10 Belvedere Old Ramla:** Sar survey u qed nistennew li jinħadem biex imur għand perit għad-disinn u stima.

**18.8.11 Green Wall ta' Xhajma**: Ser isir survey il-quddiem fuqha.

**18.8.12 Pjanci fil-Ġnien ta' Kenuna** – it-tabelli ser jiswew madwar €1000. Is-saqajn u l-pjanci ser jiġu madwar €15 il-waħda. Kien hemm qbil fuq dan.

**18.8.13 Toroq BOQs**: Il-Kunsill qed jistenna stima ta' Wied Riħan qabel nibgħatu.

**18.8.14 Dawl tas-soft area fi Triq it-Tramuntana Soft Area –** Il-Kunsill ser jaħdem fuqha il-quddiem.

**18.8.15 Gazebo fil-Playing Field ta' San Blas –** Il-Kunsill qed jistenna mingħand is-suppliers.

**18.8.16 Muxa fi Triq San Gwann** – Il-Kunsill ser jaħdem fuq din il-quddiem.

**18.8.17 Triq l-Mgarr** – Is-Sindku innota li hu u s-Segretarju attendew laqgħa fir-rigward ta' din it-triq u jidher li x-xogħol qed jitkompla.

**18.8.18 Triq ta' Kenuna** – Il-Kunsill qed jistenna li s-servizzi jitrangaw biex jitkompla x-xogħol.

**18.8.19 Railing fi Triq Madonna ta' Fatima-** Il-Kunsill tkellem reggħa mal-MGOZ fuqu.

**18.8.21 Railings Ta' Xhajma** – Il-Kunsill qed jistenna mingħand il- MGOZ.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**18.8.22 AED –** Dan l-apparat wasal u ser jeħel fil-Playing field tal-Ħali.

**18.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**18.9.1 Jum il-Kunsill:** Ġie deċiz li isir attivita' live online fejn ikun jista isegwi l-pubbliku generali.

**Gieħ in-Nadur –** Ġie diskuss min ser jipprezenta u jagħmel il-write-up. Din l-attivita' ser isir ġewwa l-Knisja.

**18.9.2 Halloween:** Kien hemm qbil li jitqassam ħelu lit-tfal tal-iskola Primarja tan-Nadur b'messaġġ fuqhom, kif ukoll li titwaħħal banner ta' Xhajma.

**18.9.2 Nadur 8K:** Kien hemm qbil li minħabba l-Covid-19 din l-attivita' tiġi posposta.

**18.9.4 Milied:** Kien hemm qbil li jintrema it-tizjien tad-dawl tat-toroq. Kien hem diskussjoni fuq xi tip ta' dekorazzjoni oħra fil-Pjazza li jkunu jistgħu jieħdu ritratt magħha l-pubbliku. Il-Kunsill ser jara jekk hemm xi supplier li diġa għandu base lesta tad-dekorazzjoni.

**18.9.5 Attivita' fil- Librerija Programm –** Kien hemm qbil li minħabba l-Covid-19 għalissa ma jsir xejn u ser nistaqsu jekk nistgħux nagħmlu din l-attivita aktar il-quddiem.

**18.9.6 Ħad-Dingli Iffirmar Ħbiberija** – Dan għadu pospost.
**18.9.7 Safra Cicciano –** fadal biss l-aħħar pagamenti ta' Ryanair biex jidħlu**.**
**18.9.8 Pink October** – Il-Kunsill qed jistenna part part tasal mic-China u mmexxu**.**

**18.9.9 Librerija – Ħinijiet ta' Ftuħ ġodda minħabba l-ftuħ tal iskola u l-Covid-19:**

It-Tnejn – 15.00-17.00

L-Erbgħa – 15.00-17.00

Il-Ġimgħa – 15.00-17.00

Is-Sibt – 09.00-12.00

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**18.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**18.10.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal zbir ta' sigar fi Triq Guze Ellul Mercer wara approval minn ERA. Kien hemm qbil.
- Talba biex tinbiddel il-bankina tal-club Nadur Youngsters. Kien hemm qbil.
- Talba għal yellow line fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar c/w Triq Dun Karlu Zimech. Kien hemm qbil.
- Talba biex titwitta Triq il-Qortin u jsir gandott għal l-ilma. Kien hemm qbil.
- Talba għal cint bil-kantuni fi Triq Bingemma. Kien hemm qbil.
- Talba għal kantuni minħabba ilma fi Triq Wied Bingemma. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement mar-rampa fi Triq Wied ir-Riħan. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement f'rampa fi Triq San Gwann. Kien hemm qbil.
- Talba għal patch ġdida fi Triq ta' Ħida. Kien hemm qbil.
- Talba għal rampa tas-sement fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.
- Talba għal sement taħt zewġ bankini fi Triq it-Telegrafu. Kien hemm qbil.
- Talba biex tinqata' siġra fi Triq Wied Grejgel. Kien hemm qbil.

**18.10.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba biex jinqata' weraq tal-bajtar ħdejn is-sorijiet. Kien hemm qbil.
- Talba biex titranga statwa li hemm fi Triq San Gwann. Is-Sindku innota li din konna ġa ipprovajna fil-passat imma ma irnexxilnix. Il-Viċi Sindku ser jipprova hu jagħmel kuntatt mas-sidien tad-dar.

**18.10.3 Rikjesti mill-Kunsillier Joseph Vella:**

- Talba biex jitnaddaf gandott fi Triq tad-Duru. Kien hemm qbil.

**18.10.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

- Talba biex jinqata' ħaxix ħdejn Playing Field tal-Ħali. Kien hemm qbil.
- Talba biex jinbena ħajt ta' Xhajma. Ser tibgħat talba Segretarja bil-customer care system lil Gvern Centrali.
- Talba għal sement taħt bozza fi Triq ir-Rabat. Kien hemm qbil.

18.10.5 Rikjesta mill-Kunsillier Josef Camilleri:

- Talba għal zbir ta' sigar ħdejn l-iskola. Kien hemm qbil.
- Fakkar biex teħħel bozza fi Triq it-Tigrija fejn kien hemm bini.

**V.L. Segretarju Ezekuttiv**- Ġie spjeġat li s-Segretarju Ezekuttiv kien għad fadlilha xi vacation leave li minħabba impenji ta' xogħol matul is-sena mhux ser ikun ittieħed sa l-aħħar tas-sena. Fil-Prezent kien għad fadlilha s-Segretarju Ezekuttiv 193 hours. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave għandu jizdied ma' tas-sena d-dieħla.

**18.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |